Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 124 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Leeroy Balzan

Illum 26 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Leeroy Balzan detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 284883 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-22 ta' Novembru, 2014, bejn is-siegha ta' wara nofs in-nhar (13:00hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u fil-granet u l-gimghat ta' qabel, fl-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema, Triq Manwel Dimech tas-Sliema u fi bnadi ohra f' dawn il-gzejjer:

1. Ghamel uzu ta' computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex dahal f' xi data, software jew dokumetnazzjoni ta' appogg li jinzammu f' dak il-computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

2. U aktar talli ipprevjena jew ostakola d-dhul ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;

3. U aktar talli installa, nehha, biddel, ghamel hsara, hassar, iddeterjora, razzan, qered varja jew zied ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;

4. U aktar talli zvela xi password jew kull mod iehor ta' dhul, kodici ta' dhul jew xi taghrif iehor dwar kif isir id-dhul lil xi persuna mhux awtorizzata;

5. U aktar talli ir-reati sui riferiti jikkostitwixxu atti li b' xi mod ikunu ta' hsara ghal xi funzjoni jew attivita tal-Gvern jew tellef gharraq jew interrompa b' xi mod li jkun l-ghoti ta' xi servizzi jew utilita' pubblici, sew jekk dak is-servizz jew dik l-utitilta' jkunu provduti jew imhaddma minn xi enti tal-Gvern;

6. U aktar talli r-reat sui riferiti saru f' xi post minn impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu jew bi pregudizzju ta' terzi;

7. U finalment talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel ir-reati elenkati, liema reati huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 141, 377B, 377 C (1) (a), 377 C (2) (3), 377 F (2) (a) (4) (6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- 141, 377 B, 377 C (1) (d), 377 C (2) (3), 377 F (2) (a) (4) (6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 141, 377 B, 377 C (1) (g), 377 C (2) (3), 377 F (2) (a) (4) (6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 141, 377 B, 377 C (1) (h), 377 C (2) (3), 377 F (2) (a) (4) (6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti filwaqt li astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt imputazzjoni, u filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati ta' l-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u illiberatu minnhom, wara li rat l-artikoli 141, 337 C (1) (h), u 337 F (2) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabithu hati tar-raba, tal-hames, u tas-sebgha imputazzjonijiet u b' applikazjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapiotlu 446 illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena. Tenut kont li esperti kienu nominati f' l-inkjesta li kienet inzammet b' relazzjoni mat-thassir f' l-okkorrenza u l-imputat ma nstabx hati ta' l-imputazzjonijiet b' rabta ma dawk il-fatti ma applikatx dak predipost f' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentena u x' jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Leeroy Balzan, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA s-sentenza appellata u dan billi filwaqt li TIKKONFERMAHA dik il-parti tas-sentenza fejn ddikjarat lill-aapellant mhux hati tal- ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni u illiberatu minnhom ; TIKKONFERMAHA ukoll dik il-parti tas-sentenza fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) imputazzjoni; filwaqt illi THASSAR U TIRREVOKA dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tar-raba' (4), il-hames (5) u s-seba'**

**<u>(7) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentament TILLIBERAH minnhom;</u>**

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-esponenti appellant ser ikun qieghed jinterponi dan l-umli appell mill-apprezzament tal-provi.

**A. <u>Apprezzament tal-Provi</u>**

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti wara li ezaminat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern, waslet ghall-konkluzzjoni illi ma kienx hemm bizzejjed provi sabiex minghajr ebda dubju dettat mir-raguni ikun konkluz illi kien filfatt l-appellant illi hassar erba' (4) paragrafi mir-rapport in kwistjoni. Madanakollu, kemm mill-istqarrija tal-esponent u kif ukoll mid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponent tenna illi huwa kien ghadda l-*password* tieghu lil Kuntistabbli illi kien ghad ma ghandux *username* u *password* sabiex ikun jista' juza s-sistema tal-PIRS. Illi l-appellant gie akkuzat illi hu kien ghadda l-*password* tieghu lil <u>persuna mhux awtorizzata,</u> liema akkuza l-esponent ikkontesta sa mill-bidu nett stante' illi hu kien ghadda l-*password* tieghu lil persuna awtorizzata fil-Korp tal-Pulizija.

Illi ghalhekk, l-esponent, umilment qieghed jinterponi dan l-umli appell fuq l-apprezzament tal-provi illi ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti  a rigward tar-raba' (4), hames (5) u seba' (7) imputazzjonijiet.

Ili meta l-Ewwel Onorabbli Qorti giet sabiex tanalizza x'verament jfisser it-terminu ta' "persuna awtorizzata" fi hdan il-Korp tal-Pulizija, bir-rispett kollu, l-esponenti appellant ma jistax jaqbel ma dak illi kkonkludiet l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha fil-konfront tieghu. Illi l-ewwel nett, l-Ewwel Onorabbli Qorti tenniet illi permezz ta' "persuna awtorizzata", mill-assjem tal-provi, hi kkonkludiet illi dan it-terminu jfisser meta pulizija jibda jkollu access ghas-sistema tal-PIRS, u mhux kif argumenta l-appellant fis-sottomissjonijiet finali tieghu illi ghamel fl-ewwel istanza. Illi bid-dovut rispett, il-konkluzjoni illi ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti fuq dan il-punt, hija wahda zbaljata; u dan tenut kont tal-fatt, illi meta l-appellant, fis-sottomissjonijiet tieghu, argumenta illi "persuna awtorizzata" hija persuna illi jkun *sworn in* bhala Pulizija fil-Korp, hu ma kienx qieghed jibni dan l-argument hu izda kien qieghed jargumenta skont il-fatti.

Infatti, kien l-iSpettur Pierre Minuti, illi waqt id-depozizzjoni tieghu fisser quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, min tkun persuna awtorizzata sabiex taccessa u tuza' is-sistema tal-PIRS fi hdan il-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Kif gie anke' trattat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-apellant, persuna awtorizzata, tkun Pulizija illi jkun *sworn in,* u cioe' ikun ha l-gurament tal-hatra bhala Pulizija. Kif gie ampjament ippruvat waqt il-gbir tal-provi tal-kaz odjern, meta Pulizija jkun ha l-gurament tal-hatra, dakinhar tal-*passing out parade,* Pulizija jkun gie awtorizzat sabiex jaccessa s-sistema tal-PIRS. Infatti, kif xehdu l-Pulizija **kollha** illi kienu xhieda tal-Prosekuzzjoni fil-kaz odjern, liema dawn il-Pulizija kienu kollha ta' kariga gholja, u cioe' Spetturi u Magguri u sahansitra Supretendent, kollha xehdu illi l-Pulizija godda ma jkollhomx *password* sabiex jaccessaw is-sistema alavolja jkunu awtorizzati juzaw l-imsemmija sistema. Filfatt, ghall-kuntrarju ta' dak illi tenniet l-

Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha, l-unici Pulizija illi ma jinghatawx *password* huma dawk il-Pulizija illi jkunu jahdem f'sezzjonijiet fi hdan il-Korp illi ma jkollhomx ghalfejn juzaw is-sistema tal-PIRS,bhal per ezempju l-Pulizija illi jkunu maz-zwiemel. Illi gie sahansitra spjegat, minn ufficjali tal-Pulizija, illi **ghalkemm il-Pulizija li jkunu *sworn in* ikunu mal-ewwel qeghdin jahdmu gewwa l-Ghases tal-Pulizija, u sahansitra jkunu xoghol *orderly,* u cioe' illi xoghlhom ikun biss fuq is-sistema tal-PIRS, il-*password* iddum madwar tliet (3) gimghat sabiex tinhargilhom.** Ghaldaqstant, **kif xehdu l-ufficjali kollha tal-Pulizija, huma dejjem kienu jaghtu l-*password* taghhom lill-Pulizija illi jkun ghad ma ghandhomx wahda,u dan minhabba l-fatt illi huma kien ikun ta' necessita' illi juzaw is-sistema, stante' illi kienet parti mix-xoghol taghhom.**

Ghaldaqstant, jekk Pulizija jkun xoghlu juza' s-sistema tal-PIRS, huwa jkun persuna awtorizzata sabiex jaghmel dan, u mhux isir awtorizzat meta tinghatalu l-*password.* Illi kif jirrizulta, kienu l-Pulizija kollha jaghtu l-*password* lil dawn il-Pulizija l-godda, u dan sabiex jibdew jahdmu mal-ewwel u ghaliex tkun ta' necessita' sabiex ma jkunx hemm xi stagnar fl-ghases. Filfatt, sahansitra, anke' meta xehdet **is-Supretendent Alexandra Mamo qalet hi stess illi kienet prassi illi s-Surgent jaghti l-*password* lil min ikun xoghol *orderly*** alavolja *'in principle mhux suppost li wiehed jaghti il-password'* u dan **sabiex *'ma jistagnax il-volum ta' nies li jkunu gew l-ghassa biex jaghmlu rapport jaghti l-password lil pulizija jew lil kuntistabbli tieghu. [...] ma jistax ikun ghax inkella jkollok back tail ta' nies jistennew biex jaghmlu rapport [...] is-surgent mhux il-hin kollu ser ikun l-ghassa ghaliex is-surgent daqqa mar fuq habta, daqqa mar fuq incident u impossibbli li ha thalli dawk in-nies kollha jistennew sakemm jigi s-surgent u jaghmel ir-rapporti huwa, MA TAHDIMX HEKK.***

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha, ghamlet referenza ghal din il-prassi, u cioe' li tinghata l-*password* lill-Pulizija li jkun ghadha ma nhargitilhomx wahda. Illi ghalkemm din il-prassi ma ghandhiex wahda li

ssir, din ma tikkonsistix f'reat kriminali,specjalment taht r-reat li jinsab akkuzat bih l-appellant u cioe:

*talli zvela xi password jew kull mod iehor ta' dhul, kodici ta' dhul jew xi taghrif iehor dwar kif isir id-dhul lil xi persuna mhux awtorizzata;*

Illi l-ghoti tal-*password* jsir reat meta l-*password* tinghata lil xi persuna li ma hix awtorizzata, li **fil-kaz odjern, u fil-Korp tal-Pulizija tfisser persuna illi jew ma tkunx tahdem gewwa xi Ghassa jew Dipartiment tal-Korp illi ma jkunx hemm in-necessita' illi jaccessa s-sistema tal-PIRS,jew inkella persuna illi ma tkunx ghadha hadet il-gurament tal-hatra, u cioe' tkun ghadha rekluta. Ghalhekk, Pulizija illi jkun ha l-gurament tal-hatra u li jkun jahdem gewwa Ghassa f'lokalita', huwa jkun persuna awtorizzat jaccessa u jahdem fis-sistema tal-PIRS, U GHALHEKK MINN QABEL TINGHATALU *PASSWORD* MILL-KORP IKUN JISTA' JACCESSA S-SISTEMA TAL-PIRS.**

Illi kif diga' gie rilevat, fil-kaz odjern, kif tenna l-appellant stess, kemm fl-istqarrija illi ta *a tempo vergine* u kif ukoll waqt id-depozzijoni tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, huwa ta l-*password* tieghu lill-Pulizija Wayne Hardy; pulizija illi kien stazzjonat gewwa l-Ghassa ta' tas-Sliema u illi kien ukoll Pulizija *sworn in.* Illi ghaldaqstant, kien il-Korp stess illi minkejja l-fatt li dan il-Pulizija kien ghadu ma nghatax *password,* hu kien gie ordnat u awtorizzat jahdem fuq is-sistema tal-PIRS illi kellha bzonn *password* sabiex tintuza'.

Issa, a fol 270 u 271 tal-process, l-Ispettur Pierre Minuti spjega b' mod dettaljat ta' x'inhi persuna awtorizzata fi hdan il-Korp. L-Ispettur Minuti spjega illi sakemm wiehed ikun ghadu rekluta huwa ma jinghatax *username* u *password,* u dan stante' illi rekluta jkun ghadu ma nghatax il-gurament tal-hatra u ghaldaqstant jibqa' jitqies bhala cittadin minhabba n-natura sensittiva tar-rapporti sakemm wiehed jinghata tali gurament, u ma jkunx awtorizzat juza' u jaccessa s-sistema tal-PIRS.

*L-Ispettur Pierre Minuti: Huwa biss meta fil-gurament ha nghid hekk jigifieri lanqas gimgha qabel il-gurament,* ***wara l-gurament li dawn ir-rekluti li ma' dik il-gurnata tal-gurament isiru ufficjali pubblici u allura b'dak il-gurament fl-istess gurament hemm illi jaccedu ghal certa informazzjoni tan-nazzjon sa' certu livell.*** *[…] Mela once li jigi ivverifikat illi dan ghandu l-hatra b'gurament u ghandu numru ta' spalltu li jiddentifikah u jigi stazzjonat go post jigifieri dik il-schedule* ***[…] It takes around two weeks.*** *Jigifieri xi haga normali.*

**<u>Illi ghaldaqstant meta rekluta jinghata l-gurament huwa jsir membru tal-Korp tal-Pulizija, u ghalkemm jista' jkun illi ma jkunx ghadu inghata *username* u *password*, huwa xorta wahda jkun persuna awtorizzata sabiex jaccessa s-sistema tal-PIRS.</u> Ghalhekk, bir-rispett kollu, vera li jista' jkun illi l-esponent missu ma tax l-*password* tieghu lill-Membru iehor tal-Korp IZDA l-esponent ma ghamel xejn illegali f'dan stante' illi l-*password* tieghu inghatat lil persuna awtorizzata.** Filfatt, fid-depozizzjoni tieghu, l-espert Dr Martin Bajada ghamel referenza ghall-fatt illi fid-distrett illi kien stazzjonat fih l-esponent kien, fiz-zmien illi sar l-allegat reat, kien hemm zewg (2) pulizija illi kienu ghadhom minghajr *password.*

Barra minn hekk, kif diga' gie appena rilevat, mill-provi hareg car illi fil-Korp kienet saret prassi illi Pulizija jaghtu l-*password* taghhom lil membri ohrajn **IZDA ma gie qatt indikat illi ittiehdu passi kontra dawn il-Pulizija, la internament u lanqas fil-kamp penali**, kif gie anke indikat mis-Supretendent Alexandra Mamo u mill-Ispettur Minuti in kontro-ezami:

*Dr F. Debono: Mit-teoriji issa ser nigu ghal prattika, […] ara hekk ma nghidlekx sew li tezisti din il-prattika u li inti konxju taghha?*

*Xhud:* ***<u>Li tezisti jew inkella li forsi jkun hemm dawn in-nuqqasijiet huwa stat ta' fatt.</u>***

*Dr F. Debono: mela jittiehdu passi kontra dawn il-persuni?*

*[…]*

*ha naghmillu domanda diretta f'dan is-sens, inti qatt hadt passi bhala kontra persuna, jew* ***taf b'xi persuna li ta l-password u hadtu passi?***

*Qorti: dik hija l-mistoqsija*

***Xhud: le, jiena personali ma' naf lil hadd***

Infatti fid-depozizzjoni taghha s-Supretendent Mamo kompliet billi tenniet:

*U nishqu tatux il-password imma* ***IMPOSSIBBLI META JKOLLOK ORDERLY MINGHAJR PASSWORD GHADHA HIERGA MILL-AKKADEMJA ILLI S-SURGENT JAHDEM.'*** (A fol 353 tal-process)

L-Ispettur Jonathan Ransley, a fol 415 sahansitra xehed ukoll illi sfortunatament huma ma jkollhomx alternattiva ohra ghajr illi jaghti l-*password* lill-Pulizija li jkunu ghadhom kemm lahqu, u dan peress illi dawn il-Pulizija jkollhom mal-ewwel l-irwol illi jahdmu b' mod normali u ghaldaqstant, specjalment jekk xoghlhom ikun *orderly,* dawn ikunu jridu jahdmu kontinwament fis-sistema tal-PIRS. Infatti l-esponent illi kien Surgent fiz-zmien illi sehh il-kaz odjern spjega fid-depozizzjoni guramentata tieghu x'kien ikun ix-xoghol ta' dawn il-Pulizija godda wara illi jkunu hadu l-gurament u illi minghajr il-*password* dawn ma kienu jistaw jaghmlu ebda xoghol.

Ghaldaqstant, l-interpretazzjoni illi tat l-Ewwel Onorabbli Qorti a rigward tat-terminu 'persuna awtorizzata', ma hix wahda korretta, u dan qieghed jigi rilevat umilment u bl-aktar rispett lejn l-Onorabbli Qorti. Illi filwaqt li l-Onorabbli Qorti ghamlet accenn ghax-xhieda tal-iSpettur Minuti meta tenna illi mhux kull membru tal-Korp ikollu *username* u *password;* hi naqset milli ssemmi l-parti tad-depozizzjoni tal-istess Minuti meta tenna illi Pulizija jigi meqjus bhala persuna awtorizzata sabiex tkun tista' taccessa s-sistema tal-PIRS minn dakinhar illi jkun *sworn in* fil-Korp. Illi ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib lill-esponent hati ta' din l-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu, u dawn ghar-ragunijiet appena rilevati.

Inoltre', l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant hati wkoll tal-hames (5) u s-seba' (7) imputazzjonijiet, u dan minhabba l-fatt illi l-istess Onorabbli Qorti sabet lill-appellant hati tar-raba' (4) imputazzjoni. Illi huwa minnu illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni illi l-appellant huwa ufficjal pubbliku, stante' li huwa Surgent fil-Korp; izda ma jirrizulta minn imkien illi minhabba l-fatt illi l-appellant ta l-*password* tieghu lil kuntistabbli iehor huwa ghamel hsara lill-Korp. L-ewwel nett, l-appellant qieghed jappella mill-fatt illi instab hati tar-raba' (4) imputazzjoni, u ghaldaqstqant, jekk hu ma jinstabx hati taghha minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appelli, hu ma jistax jinstab hati tal-hames (5) u s-seba' (7) imputazzjonijiet. Inoltre', u dan minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, jekk l-appellant jinstab hati illi huwa ta l-*password* tieghu lil persuna mhux awtorizzata, ghalkemm hu qieghed jikkontesta dan, minn imkien ma jirrizulta illi kien b'effett ta' dan illi thassru l-paragrafi mill-imsemmi rapport. L-ewwel nett, ma rrizulta minn imkien min fil-verita' hassar dawn il-paragrafi; u barra minn hekk, l-esponenti appellant tenna illi hu ta l-*password* tieghu lil kuntistabbli wiehed biss.

Barra minn hekk,bid-dovut rispett, ma rrizulta minn imkien illi filfatt saret xi hsara lill-Korp permezz tal-ghoti tal-*password,* u dan stante' illi qabel xejn din kienet prassi illi kullhadd kien jaghmilha fil-Korp, u kif ukoll kif diga' gie rilevat, il-*password* inghatat lill-Pulizija illi kellu n-necessita' illi jaccessa l-PIRS sabiex jaghmel xoghlu u jaqdi dmiru.

*Di piu',* l-appellant lanqas ma seta' jinstab hati tas-seba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u dan tenut kont tal-fatt illi ghalkemm *password* ma ghandhiex tinghadda lill-Pulizija ohrajn, idejh kienu marbutin sabiex jaghmel dan. L-ewwel nett, kienu Pulizija b'*ranks* oghla minnu illi kienu jaghmlu hekk, u cioe' Spetturi, Magguri u Supretendenti. Inoltre', l-appellant ma jistax jaqbel mal-Ewwel Onorabbli Qorti meta tenniet illi minkejja l-fatt illi kienet prassi li tinghata l-*password,* ma jfissirx illi hu seta' jaghmel hekk. Huwa minnu illi l-esponent ta l-*password* tieghu, imam meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, dan ma ghandhux jirrizulta f'reat, minhabba l-fatt illi spiccaw ittiehdu passi kontra l-esponent minhabba l-

isfortuna illi s-sistema tal-PIRS kien illogjata bil-*username* tieghu fil-hin illi sehh it-thassir tar-rapport. Illi li kieku dan ma garax, l-esponent zgur illi ma kinux jittiehdu passi kontra tieghu, bhalma ma ttiehdux passi, la internament u lanqas kriminalment, kontra l-Pulizija illi ammettew b'gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti illi huma stess gieli taw il-*password* taghhom lill-Pulizija ohrajn. Illi ghaldaqstant, l-esponent ma ghandux ipatti tal-izbalji illi ghamlu ohrajn, u dan stante' anke gie konfermat minn diversi Pulizija illi din kienet prassi fil-Korp kollu u illi kulhadd kien jaf biha.

Barra minn hekk, l-appellant jirrileva illi minbarra dawn il-fatti kollha, kien hemm difett fis-sistema, kif gie sodisfacentament ippruvat fil-kaz odjern. Meta wiehed jaccessa s-sistema tal-PIRS u ma jaghmilx *log out,* din is-sistema tibqa' *logged in* ghal ghoxrin (20) minuta shiha. Illi mhux talli hekk, talli jekk qabel jghaddu l-ghoxrin (20) minuta xi had icaqlaq il-*mouse*, dawn l-ghoxrin (20) minuta jergaw jibdew. Ghalhekk, b'dan il-process, is-sistema tal-PIRS tista' tibqa' illogjata fuq *username* wiehed ghal sighat shah. Illi tant kemm kien hemm difett fis-sistema, li ftit jiem biss wara illi sehh it-thassir tar-rapport, illi fuqu hu ibbazzat il-kaz odjern, il-Korp tal-Pulizija ghamel xi tibdiliet fis-sistema, biex b' hekk tkun aktar sigura.

Ghaldaqstant, wiehed ma jistax jinstab hati illi ghamel xi haga hazina, meta din kienet procedura normali fil-Korp u illi wisq probabbli meta l-appellant kien sar Surgent, kien intqal minn xi Pulizija iehor sabiex jaghmel jaghti l-*password* tieghu lil xi kuntistabbli iehor.

Ghalhekk, l-esponent jirrileva, illi stante' li r-raba' (4) imputazzjoni ma tista' tirrizulta minn imkien mill-atti processwali, la l-hames (5) u lanqas is-seba' (7) imputazzjonijiet ma jistaw jirrizultaw.

Illi huwa fatt stramb kif spiccaw ittiehdu proceduri kriminali kontra l-appellant, u dan peress illi ebda passi kriminali qatt ma ttiehdu fil-konfront ta' Ufficjali tal-Pulizija ohra li kkoncedew il-*password* taghhom lill-Ufficjali

ohra, u dan minkejja l-fatt illi din kienet prassi normali fi hdan il-Korp u dan kif rrizulta wiehed jassumi minn diversi xhieda imressqa mill-istess. Wiehed jassumi illi dan kien dovut ghall-fatt illi r-rapport mertu ta' dawn il-proceduri kien jirrigwardja kaz li inghata prominenza qawwija fil-midja lokali.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellanti iressaq il-lanjanza tieghu diretta lejn is-sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti ghar-raba, hames u sebgha imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu billi huwa gie illiberat mill-kumplament ta'l-akkuzi. Illi l-ilment tieghu essenzjalment huwa dirett lejn il-kundanna ghar-reat mahsub fl-artikolu 337C(1)(h) tal-Kodici Kriminali u cioe' ir-reat li jitkellem dwar l-izvelar ta' password li jaghti access ghal informazzjoni u data mahzuna f'sistema komputerizzata lil persuna mhux awtorizzata. L-aggravvju tieghu allura huwa marbut mal-interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti tal-kliem "persuna mhux awtorizzata" billi jishaq illi l-access maghmul minn ufficjal tal-pulizija subaltern tieghu ghas-sistema tal-PIRS tal-pulizija, bl-ghoti mill-appellanti tal-password tieghu sabiex il-kuntistabbli seta jaghmel dan, ma jaghmlux hati tar-reat mahsub fl-artiklu tal-ligi hawn fuq indikat.

Illi l-artikolu 337C(1)(h) jissanzjona lil kull min "jiżvela xi password jew kull mod ieħor ta' dħul, kodiċi ta' dħul jew xi tagħrif ieħor dwar kif isir id-dħul lil xi persuna mhux awtorizzata."

L-appellanti fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija ighid hekk:

"*Jien kont tajt il-password lil PC978 sabiex peress li ma kellux password u sabiex idahhal ir-rapporti fin-nuqqas tieghi, jiena kont tajthielu xi gimghat qabel.*"

Fil-jum indikat fl-akkuza kemm l-appellanti kif ukoll il-PC978 kienu stazzjonati l-ghassa tal-pulizija ta' Tas-Sliema, l-appellanti fil-vesti tieghu ta' surgent tal-pulizija u allura superjur tal-kuntistabbli 978.

Issa mix-xhieda ta'l-ispettur Timothy Zammit jirrizulta mill-investigazzjoni minnu kondotta, illi fl-ghassa tal-pulizija ta' Tas-Sliema kien hemm tlett kompjuters, tnejn minnhom, wiehed ghall-uzu tas-surgent u l-iehor ghall-uzu tal-*orderlys* cioe' tal-kuntistabbli tal-pulizija stazzjonati fl-ghassa,

kienu imqabbda man-network tal-pulizija u allura t-tnejn kellhom access ghas-sistema tan-National Police System (NPS) komunement maghrufa bhala is-sistema tal-PIRS. It-tielet kompjuter ma kien iqmabbad mal-ebda network, kien kompjuter "stand alone" li kien jintuza mill-pulizija generalment sabiex jaghmlu x-xoghol ta'l-affidavits, u allura ghal xoghol ta' *word processing* biss. Illi irid jigi rilevat illi l-PC978 qatt ma ingieb bhala xhud f'dawn il-proceduri u kwindi qatt ma indika liema mill-kompjuters intuza minnhom u lanqas ikkonferma jew innega dak li stqarr l-appellanti.

Issa s-sub-titolu V ghat-Titolu IX tal-Kodici Kriminali gie introdott fis-sistema penali taghna permezz ta'l-Att VII tas-sena 2010 u emendat b'Att VIII tas-sena 2015, liema ligi giet immodellata fuq il-Computers Misuse Act 1990 ta'l-Ingilterra.Issa din il-ligi kellha l-ghan li tirregola tlett tipi ta' reati u cioe':

1. L-access mhux awtorizzat ta' materjal li jinsab f'kompjuter.
2. L-access mhux awtorizzat bl-intenzjoni illi jigi facilitat l-kummissjoni ta' reati ohra.
3. It-tibdil jew modifikazzjoni ta' materjal mhux awtorizzat.

Illi dan ifisser illi l-ghan tal-ligi kienet wahda u cioe' li tissanzjona kull access mhux awtorizzat ta' materjal/data li jinsab/tinsab mahzun/a f'sistema komputerizzata.

Issa l-appellanti ma giex misjub hati ta' uzu hazin ta' kompjuter jew inkella li huwa kellu xi access mhux awtorizzat ghad-data mahzuna fil-kompjuter tal-ghassa tal-pulizija ta' Tas-Sliema jew li immodifika tali data ghaliex minn dawn l-akkuzi huwa gie illiberat. Izda l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma illi l-appellanti fuq ammissjoni tieghu stess kien ta access "mhux awtorizzat" lill-pulizija iehor u cioe' lill-orderly PC978 biex dan ta'l-ahhar ikollu access ghad-data tal-kompjuter fl-ghassa u dan billi kien ghadu ma giex awtorizzat ikollu dan l-access bl-oghti ta' *username* u *password* ghalih personali, kif jidher li kien jigri solitament. Jidher izda li dan il-process jiehu xi ftit tul taz-zmien biex isehh u allura l-appellanti, sabiex ix-xoghol ta'l-ghassa ma jigix stultifikat minhabba din il-burokrazija zejda u tkaxkir tas-saqajn halla lill-*orderly* jikseb access ghad-data tal-kompjuter fl-ghassa tal-pulizija bl-uzu tal-*username* u *password* tieghu.

Illi l-access mhux awtorizzat gie spjegat mill-awturi inglizi hekk:

*"Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled." Blackstone fil-ktieb tieghu intitolat Criminal Practice jiddiskrivi dan l-unauthorised access billi jipprovdi is-segwenti: "Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if (a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and (b) He does not have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any person who is so entitled" Infatti fil-ktieb intitolat Computer Law ippublikat minn Reed u Angel b'referenza ghal Computer Misuse Act tar-Renju Unit, jinghad hekk: "First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . . Second, the person must know at the time that he commits the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program.[1]"*

Mela bl-applikazzjoni ta' dan l-insenjament ta' dritt a contrario senso ma jistax jinghad illi l-PC978 ghamel uzu mhux awtorizzat tal-kompjuter jew ghal ta'l-inqas li kellu l-intenzjoni li jikseb access mhux awtorizzat ghal kompjuter gjaldarba huwa kiseb il-kunsens preventiv tas-superjur tieghu u cioe' l-appellanti sabiex jaccessa l-istess, billi dan ghaddhielu l-*username* u *password* tieghu. Izda hawnhekk ma huwiex il-PC978 li qed jigi akkuzat bil-kummissjoni ta' reat, izda l-akkuzat li bhala is-superjur tieghu halla lill-kuntistabbli subaltern tieghu ikollu access legittimu ghas-sistema tal-PIRS tal-pulizija, access li kellu bzonn biex ikun jista' jaqdi id-dmirijiet tieghu bhala pulizija.

L-intenzjoni allura tas-surgent Balzan, akkuzat f'dawn il-proceduri fil-fehma ta' din il-Qorti talli kien qed jaghmel xogholu, kien illi x-xoghol tal-ghassa seta' ikompli isir meta hu ma kienx prezenti fl-ghassa minhabba xoghol fuq barra.

[1] Il-Pulizija (Spettur Anna Marie Micallef) vs JEANELLE GRIMA

Ibda biex ma jidhirx illi l-*orderly* ma kienx awtorizzat jaccessa s-sistema tal-PIRS li kien hemm fil-kompjuter gjaladarba huwa mhux biss proprju jenhtieg li jaghmel dan fix-xoghol tieghu, izda ukoll kien qed jistenna biex jinghata access mis-superjuri tieghu meta dawn kienu ser ighaddulu l-*username* u *password* personali tieghu. Kwindi ghalkemm l-artikolu 337C(1)(h) jissanzjona lil kull min jizvela password jew kull mod iehor ta' dhul, kodici ta' dhul jew taghrif iehor dwar kif isir id-dhul, dan huwa penalizzat biss meta l-istess isir lil persuna mhux awtorizzata. Ma jidhirx illi dan kien il-kaz fil-konfront tal-PC978 billi dan fil-vesti tieghu ta' pulizija stazzjonat fl-ghassa ta' Tas-Sliema u cioe' fl-istess ghassa tal-pulizija fejn kien stazzjonat l-appellanti certament kellu awtorizazzjoni jaccessa id-data li kien hemm fuq il-kompjuter tal-ghassa ghaliex altrimenti huwa ma kienx ser jkun f'posizzjoni jaqdi id-doveri tieghu. Dan ghaliex fil-manzjonijiet vestiti fil-pulizija kien hemm certament l-uzu tal-kompjuter li jaghti access ghan-network tal-pulizija, liema uzu kien qed jigi stultifikat minhabba li l-orderly li kien ghadu kemm beda dan ix-xoghol ma kellux *username* u *password* assenjat lilu.

Illi l-element formali tar-reat, mid-dicitura tal-ligi, tidher illi hija l-intenzjoni illi l-awtur tar-reat jaghti informazzjoni sabiex persuna taccedi ghal xi sistema komputerizzata u tikseb informazzjoni b'mod klandestin u allura meta ma ghandhiex il-permess ufficjali jew approvazzjoni u kunsens tikseb access ghal dina l-informazzjoni, haga li certament ufficjal tal-pulizja bhal PC978 kellu. Fil-fatt fix-xhieda tas-Supretendent Alexandra Mamo jirrizulta illi kull ufficjal tal-pulizija ghandu il-*password* personali tieghu biex jaccedi ghas-sistema komputerizzata tal-pulizija, madanakollu meta dak il-*password* ikun ghar-ragunijiet burokratici ghadu ma giex assenjat lil xi pulizija, dan ma ifissirx illi l-istess ma ghandux l-approvazzjoni sabiex jaccedi ghall-informazzjoni jew data li hemm fis-sistema tant illi hija stess tghid illi dahhlet il-prassi illi sabiex ix-xoghol ma jieqafx l-pulizija li ma ikunx ghadu kiseb dan il-*password*, jikseb access ghas-sistema billi jinghata l-*password* ta' xi pulizija iehor u dan sabiex jkunu jistghu jidhlu r-rapporti li jaghmlu c-cittadini fis-sistema komputerizzata u dan ghaliex kif tghid hi stess:

"*biex ma jistagnax is-sistema fis-sens li ma jkunx hemm ilmenti mill-pubbliku …. ma jistax ikun ghax inkella jkollok back tail ta' nies jistennew biex jaghmlu rapport u haga ohra … is-surgent mhux il-hin kollu ikun l-ghassa … u impossibbli thalli dawk in-nies kollha jistennew sakemm jigi is-surgent u jaghmel rapport huwa, ma tahdimx hek*k."

Fl-istess vena jixhed l-ispettur Jonathan Ransley meta jishaq:

"*Ha nghidu hekk, hekk hijiex prassi jew le pero' issir kollha ghax jekk l-orderly li jkun gie ma jkollux password il-funzjoni ta' distrett ha jispicca ha jieqaf. Jigifieri bilfors ikollu jaghti l-password, m'hemmx alternattiva ohra.*"

Minn din ix-xhieda allura ta' ufficjali gholja tal-pulizija huwa indubitat illi l-*orderly* 978 certament kien awtorizzat jaccedi ghad-data li kien hemm fis-sistema tal-kompjuter, izda ma setax jaghmlu b'*password* tieghu personali ghax din ma kenitx ghadha giet moghtija lilu minhabba ragunijiet amministrattivi u mhux ghax ma kellux dritt ghaliha. Kwindi *a contrario senso* ma jistax jinghad illi l-appellanti allura kixef xi *password* lil persuna mhux awtorizzat sabiex din tikseb access ghas-sistema minghajr permess ufficjali mis-superjuri tieghu. Huwa evidenti allura illi ghalkemm l-element materjali sehh, billi l-appellanti ghadda l-*password* personali tieghu lil terza persuna, madanakollu l-element formali ta' dan ir-reat huwa nieqes u dan ghaliex hija nieqsa l-intenzjoni illi l-access jinkiseb minghajr id-debita awtorizazzjoni.

Illi din tidher illi hija l-interpretazzjoni li inghatat ukoll mill-qrati inglizi f'dawk il-kawzi li jkunu jitrattaw dak li huma isejjhu bhala "*insider unauthorised use of authorised access*" fejn allura gie deciz illi jkun hemm il-htija meta il-pulizija li jikseb dak l-access jaghmlu sabiex jottjeni informazzjoni ufficjali u kunfidenzjali ghal korp ghall-uzu jew skopijiet personali tieghu u cioe' meta jkun hemm l-uzu hazin tal-informazzjoni mahzuna fil-kompjuter u mhux meta l-uzu jkun wiehed legittimu bhal f'dan il-kaz[2]. Illi l-Blackstone ighid hekk fuq l-intenzjoni mehtiega fir-reati ta' uzu hazin ta' kompjuter:

"*There are two limbs to the mens rea of the offence. The first limb is the intent to secure access to any program or data held in any computer. ….*

[2] Ara decizjonijiet DPP vs Bingell u DPP vs Allison

*Recklessness is insufficient; still less would careless or inattentive accessing of the computer suffice for liability. The second limb is that the accused must know at the time when he causes the computer to perform the function that the access which he intends to secure is unauthorised. The prosecution must prove both limbs*[3]*.*"

Illi ghalkemm dan il-kaz jitratta sitwazzjoni fejn l-appellanti li kellu access awtorizzat ta access lil persuna ohra bl-uzu tal-*password* personali tieghu, madanakollu l-intenzjoni kif spjegata minn dan l-awtur eminenti xorta wahda trid tirrizulta u cioe' kif jispjega huwa stess, irid ikun hemm l-intenzjoni illi jinghata fl-ewwel lok l-access u ukoll abbinat ma' dan l-gharfien illi dak l-access li qed jinghata huwa wiehed mhux legittimu.

Ighid hekk l-Ispettur Pierre Minuti dwar il-mument meta jiskatta l-mekkanizzmu sabiex pulizija jinghata *username* u *password* sabiex jaccessa s-sistema tal-kompjuter tal-pulizija:

"*Mela once li jigi ivverifikat illi dan (pulizija) ghandu l-hatra b'gurament u ghandu numru ta' spalltu li jidentifikah u jigi stazzjonat go post … hemm jiskatta l-process fejn ahna napplikaw mal-MITA biex ikollna log in name individwali …*"

Dan ifisser allura illi mal-mument tal-ghoti tal-gurament tal-hatra u tan-numru li jidentifika il-pulizija, dan awtomatikament jikseb id-dritt li jaccessa is-sistema tal-kompjuter, kif inghad, u allura hemm jibda il-process biex jinghata l-mezzi biex ikun jista' juza dik is-sistema. Il-fatt illi l-*password* u il-*log in name* ikun ghadu fil-process li jinghata ma jkunx ifisser madanakollu illi dak il-pulizija ma ghandux awtorizazzjoni jaccessa s-sistema u dan fil-qadi ta' dmirijietu u cioe' ghal ghan legittimu.

Issa fil-kaz in dizamina jirrizulta illi l-kuntistabbli 978, li kif inghad qatt ma ingieb biex jixhed mill-prosekuzzjoni, kien ghadu qed jistenna sabiex jinghata l-*password* u l-*log in name* ghas-sistema. Dan ma jistax hlief ifisser illi huwa kellu awtorizazzjoni biex jacceddi ghall-informazzjoni u *data* mahzuna fil-kompjuter, izda li kien ghadu qed jistenna sabiex jinghata l-mezzi biex jkun jista' jaghmel dan.

---

[3] Criminal Practice B17.6

Illi l-Qorti tistqarr illi tinsab kemmxejn perplessa kif il-prosekuzzjoni konxja tal-fatt illi din il-prassi li l-pulizija ighaddu il-*passwords* taghhom individwali lil dawk il-pulizija li minhabba inefficenza u forsi burokrazija zejda, jkunu ghadhom ma inghatawx *password* individwali biex ikunu jistghu jaghmlu xogholhom b'mod effettiv u tempestivament, imbaghad ghaddew biex jakkuzaw lill-appellanti ghal agir, li *del resto* jidher illi ghalih hemm il-benedizzjoni mill-ghola uffcjali tal -korp halli il-pubbliku in generali ikun jista' jinqeda, billi jikkontendu illi dan jikkostitwixxi xi reat kriminali!
Illi kull min huwa responsabbli ghat-tmexxija efficjenti tal-korp tal-pulizija ghandu jara illi l-pulizija ikollhom l-ghodda kollha mehtiega biex jkunu jistghu jaqdu d-dmirijiet taghhom minghajr ebda xkiel u minghajr biza illi dawn ser jigu issanzjonati ghaliex jaghmlu dan. Meta ufficcjal tal-pulizija jkun assenjat xoghol fejn hemm il-htiega tal-uzu ta' kompjuter, min hu responsabbli ghandu jara illi  dak il-membru tal-korp tal-pulizija jinghata l-ghodda u l-mezzi kollha sabiex jkun jista' jaghmel uzu minn dik is-sistema b'mod immedjat. Li kieku gara dan l-appellanti ma kienx jigi akkuzat bil-kummissjoni ta' reat ghaliex ipprova ighin meta s-sistema ma kenitx qed thalli la lilu u lanqas lil shabu jaqdu dmirijiethom.
Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq imfissra din il-Qorti ma tistax tikkondividi il-fehma ta'l-Ewwel Qorti dwar l-interpretazzjoni minnha moghtija ta'l-artikolu 337C(1)(h) tal-Kodici Kriminali u specifikatament tal-kliem "persuna mhux awtorizzata" fl-imsemmija disposizzjoni tal-ligi. Dan ghaliex l-PC978 certament kien persuna awtorizzata biex jaccessa ghas-sistema tal-PIRS tal-pulizija mis-superjuri tieghu, kif jirrizulta mix-xhieda ta'l-istess u dan sabiex ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala pulizija. Dan ifisser allura illi wisq inqas l-appellanti setgha jigi misjub hati tal-hames imputazzjoni u cioe' tal-aggravvanti mfassala taht l-artikolu 337F(2)(a) tal-Kodici Kriminali u cioe' illi bl-ghoti tal-password tieghu lil PC978 huwa seta b'xi mod ghamel *"ħsara għal xi funzjoni jew attività tal-Gvern, jew itellef, jgħarraq jew jinterrompi b'xi mod l-għoti ta' xi servizz jew utilità pubblika."*
Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tvarja id-decizjoni impunjata billi tikkonfermaha fejn din illiberat lil-appellanti  mill-

ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fejn din astjeniet milli tiehu konjizzjoni tas-sitt imputazzjoni, izda trrevokaha fejn din sabet htija ghar-raba, hames u sebgha imputazzjonijiet u kwindi tghaddi biex tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni u htija.

(FT)Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur